**MINUTI**

**GVERN LOKALI TA' XBIEX**

IS-SITT LEĠISLATURA 2008 - 2013

**SEDUTA NUMRU 32**

IL-ĦAMIS 12 TA' MEJJU 2011 FIL-5.30 TA' WARA NOFS-IN-NHAR

**PREŻENTI**

| | |
|---|---|
| ANTOINETTE VASSALLO | SINDKU |
| ANTHONY FARRUGIA | VIĊI SINDKU |
| ANTHONY CACHIA CASTELLETTI | KUNSILLIER |
| EUGENIO MUSCAT | KUNSILLIER |
| FRANK ROE | KUNSILLIER |

**TALBA**

IS-SINDKU QALET IT-TALBA

## I APPROVAZZJONI TA' MINUTI

i Il-minuti tas-Seduta 31 li saret fis-19 ta' April 2011 ittieħdu bħala moqrija.

ii Is-Sindku pproponiet li dawn jiġu approvati. Il-Viċi Sindku A. Farrugia ssekonda. Dawn ġew approvati nem con.

iii Il-minuti ġew iffirmati mis-Sindku A. Vassallo u mis-Segretarju Eżekuttiv M. Pisani.

**Is-Sindku pproponiet li ssir sospensjoni ta' l-Aġenda biex il-Kunsill jiddiskuti xi materji li huma urġenti. Il-Viċi Sindku u l-Kunsillier F. Roe ssekondaw. Kien hemm qbil unanimu dwar dan .**

## II KOMMUNIKAZZJONI MIS-SINDKU

i Is-Sindku ppreżentat program ta' attivitajiet fl-okkażjoni ta' Jum Ta' Xbiex.

i.i Hija qalet li l-programm se jibda' b'mawra agroturistika fi Sqallija. Il-Kunsillier A. Cachia Castelletti rrefera għall-flejjes li se jħallsu mill-individwi u staqsa jekk dawn hux se jidħlu fil-kotba tal-Kunsill. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-Kunsill qiegħed sempliċiment jiffaċilita' din l-esperjenza peress li l-proċess kollu qed tieħu ħsiebu l-kumpanija ta' l-ivjaġġar. Is-Sindku qalet li l-flejjes se jinġabru waqt laqgħa li se jagħmel it-tour leader u l-irċevuti se jingħataw mill-istess kumpanija.

i.ii Il-Kunsill iddiskuta wkoll żjara lill-persuni rikoverati fid-djar. Il-Kunsillier F. Roe ppropona li l-Kunsill iżur ukoll lil dawk l-anzjani li jinsabu fid-djar ta' l-anzjani. Huwa ħa l-inkarigu li jagħmel lista ta' dawn il-persuni.

| | |
|---|---|
| Antoinette Vassallo | Marisa Pisani |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |

## II KOMMUNIKAZZJONI MIS-SINDKU (... jkompli)

i.iii Il-Kunsill qabel ukoll mal-proposta li ssir Lejla Folkloristika fil-Marina. Is-Sindku qalet li tixtieq li minbarra kant u żfin folkloristiku jintramaw ukoll stalls ta' l-artiġjanat u ikel tradizzjonali Malti.

i.iv Is-Sindku qalet li se taghmel arranġamenti mal-Bank tad-Demm biex tinġieb il-blood mobile unit waqt il-ġimgħa ta' l-attivitiajiet.

i.v Il-Kunsill iddiskuta wkoll il-possibilta' li ssir ħarġa kulturali, hobbies exhibition u fiera tal-kotba.

i.vi Il-Kunsill iddiskuta wkoll l-attivita' tal-Ħadd 12 ta' Ġunju 2011. Ġie deċiż li ssir quddiesa (ta' l-10 ta' filgħodu) u wara inawgurazzjoni u tberik tal-funtana. Ġie deċiż ukoll li jkun hemm march mat-toroq tal-Lokalita' mill-iscouts kif ukoll bibita wara ċ-ċerimonja.

i.vii Il-Kunsill approva t-tqegħid ta' plakka (irħam) kommemorattiva mal-funtana. Ġid deċiż li din titpoġġa fuq pedestal tal-ġebel u l-kliem għandu jkun kif muri hawn taħt:

Inawgurata llum
12 ta' Ġunju 2011
fl-okkażjoni ta' Jum Ta' Xbiex
mis-Sindku Antoinette Vassallo

ii Is-Sindku rreferiet għall-proġett ta' manutenzjoni tal-flats tal-Gvern. Hija spjegat fid-dettal il-proċess biex ġew maħtura l-amministratturi kif ukoll biex inġabru x-xogħlijiet meħtieġa fl-ewwel 17-il flat li pparteċipaw f'din l-iskema. Hija qalet li se tkompli l-ħidma sabiex il-flats l-oħra wkoll jiġu mħajjra jaħtru l-amministratur u jibbenefikaw.

ii.i Il-Kunsill iddiskuta din il-materja u ġie deċiż li l-lista ta' dawn il-flats kif ukoll tax-xogħlijiet jiġu mgħoddija lil Perit Spiteri biex dan jagħmel rapport ħalli jkunu jistgħu jintagħżlu l-ewwel 7 flats.

Antoinette Vassallo
Sindku

Marisa Pisani
Segretarju Eżekuttiv

## II KOMMUNIKAZZJONI MIS-SINDKU (… jkompli)

iii Dwar il-Kumitat Konġunt tal-LES is-Sindku nfurmat li s'issa dan għadu qed jopera bħal qabel. Hija qalet li l-ammont tal-flus bħala riserva qed ikun biss ta' xahrejn spejjes li l-Kumitat għandu commitment dwarhom u l-bqija tal-fondi qed jitqassmu lill-Kunsilli rispettivi.

iv Is-Sindku nfurmat li l-AKL qed toffri esperjenza għall-iskrivani tal-Kunsilli Lokali fi Strasbourg. Il-Kunsill ġie nfurmat li l-program "Intact Summer School in Strarbourg" (20-24 ta' Lulju 2011) jittratta dwar il-ħidma tal-Parlament Ewropej kif ukoll dwar id-drittijiet umani, valuri Ewropej komuni u kif topera l-EU.

iv.i Is-Sindku nfurmat li l-iskrivana Clarissa Schembri applikat għal dan it-taħriġ u intgħażlet biex tipparteċipa. Hija pproponiet li l-Kunsill iħallas l-ispejjes involuti li parti minnhom huma ffinanzjati mill-EU. Il-Kunsillier F. Roe ssekonda. Kien hemm vot unanimu dwar dan.

v Is-Sindku rreferiet għall-proġett tal-Marina li diġa' saru l-pjanti tiegħu. Hija pproponiet li jekk ikun hemm sejħa għall-finanzjament mill-EU l-Kunsill japplika. Il-Kunsillier A. Cachia Castelletti ssekonda. Kien hemm qbil unanimu dwar dan.

vi Il-Kunsill iddiskuta t-talba ta' sid il-kiosk tal-ġelat li jarma fix-Xatt biex ipoġġi mobile toilet fiż-żona. Il-Kunsill iddiskuta din il-materja u ġie deċiż li dan jingħata permess bla ħlas dment li l-pubbliku jkun jista' jagħmel użu minnu.

vii Il-Kunsill approva wkoll l-permess għad-dawl temporanju tas-Sur Camenzuli biex jarma bil-ġelat fix-xhur tas-sajf.

viii Il-Kunsill ġie nfurmat li d-Dipartiment tal-Kunsilli se jgħaddi l-Euro1000 li l-Kunsill ingħata biex organizza l-Green/Doggy Week.

viii.i Il-Kunsill approva wkoll ix-xiri ta' żewġ doggy bins oħra biex jitwaħħlu fi Triq il-Prinċipessa Eliżabetta u fix-Xatt ħdejn l-Irrera.

| | |
|---|---|
| Antoinette Vassallo | Marisa Pisani |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |

**II KOMMUNIKAZZJONI MIS-SINDKU (... jkompli)**

ix Is-Sindku rreferiet għall-Memo 43/2011 dwar Skemi ta' Finanzjament Speċjali għas-Sena 2011. Hija talbet li li l-Kunsillieri jagħtu feedback dwar dawn l-iskemi sal-laqgħa tal-Kunsill li jmiss.

**Il-Laqgħa spiċċat fis-7.30pm. u sar aġġornament għal nhar it-Tnejn 30 ta' Mejju 2011 fis-7.30p.m.**

Antoinette Vassallo
Sindku

Marisa Pisani
Segretarju Eżekuttiv